L-Università ta' Malta

Human Resources Management & Development Office
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 2810
hrmd@um.edu.mt

**www.um.edu.mt**

# SEJĦA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET
## Riċerkatriċi jew Riċerkatur Part-Time II
### Id-Dipartiment tal-Malti

1. Id-Dipartiment tal-Malti għandu bżonn persuna biex taħdem bħala riċerkatriċi jew riċerkatur (Research Support Officer II) fil-qasam tat-Tradizzjoni Orali.

2. Il-persuna l-maghzula għal dan ix-xogħol irid ikollha Masters.

3. Dan il-post se jkun għal total ta' 116 siegħa xogħol bejn Marzu u Diċembru tal-2026. Il-ħlas għar-riċerkatriċi jew riċerkatur se jkun ta' €14.58 fis-siegħa.

4. **Il-persuna li tintgħażel trid tkun qed tgħix Malta fil-perjodu li fih tkun qed taħdem fuq dan il-proġett.**

5. Biex japplikaw, il-kandidati jridu jibagħtu l-ittra, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja taċ-ċertifikati tagħhom lil malti.arts@um.edu.mt sal-Erbgħa, **4 ta' Marzu 2026.**

   **Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jigux accettati.**

L-Uffiċċju tal-Università ta' Malta
L-Imsida, 25 ta' Frar 2026

## Sejħa għall-Applikazzjonijiet
## Riċerkatriċi jew Riċerkatur Part-Time II
### Id-Dipartiment tal-Malti

---

**Aktar Tagħrif**

1. Dan huwa x-xogħol li tista' tintalab tagħmel il-persuna magħżula: (a) tagħmel intervisti mal-informanti bbażati fuq sisien akkademiċi sodi; (b) tiddiġitalizza l-intervisti, tippubblikahom fuq l-internet u tipprovdi klassifikazzjoni b'għodod ta' riċerka biex dawn l-intervisti jservu bħala riżorsa importanti għar-riċerkaturi; (ċ) tmexxi l-attivitajiet tal-proġett fuq It-Tradizzjoni Orali matul is-sena 2026.

2. Il-persuna magħżula tkun trid taħdem:
   a. Fuq bażi part-time; u
   b. Fil-postijiet u l-ħinijiet magħżula mill-awtoritajiet tal-Università

3. Fil-proċess tal-għażla:
   a. Nivverifikaw il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna tiddikjara li għandha u t-testimonjanzi u/jew iċ-ċertifikati li jridu jintbagħtu mal-ittra tal-applikazzjoni u li jikkonfermaw dak li tistqarr il-persuna;
   b. Nidentifikaw il-kandidati l-aktar idonei għal dan il-post;
   c. Nintervistaw lill-persuna fil-qosor jew anki fit-tul.

4. Il-ħatra ssir bil-kundizzjoni li jkun hemm perjodu ta' prova, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatuti, ir-Regolamenti u Bye-Laws attwali tal-Università jew dawk li jistgħu jidħlu fis-seħħ 'il quddiem.

L-Uffiċċju tal-Università ta' Malta
L-Imsida, 25 ta' Frar 2025